

# Mons. Dun Gerard Frendo (1916 - 1994)

## Tislima lill-eks-Arċipriet ta' Ħal Qormi fil-25 sena minn mewtu

*Fabian Mangion B.A., S.Th. Lic. (Melit.)*

L-ewwel ġid li daħal f'dawn il-gżejjer, daħal ukoll fuq ix-xtut ta' Ħal Qormi.[1] Minn żminijiet imbiegħda, dawn l-inħawi kienu l-qofol tal-kummerċ. Hawn beda t-tkabbir tal-qoton u d-dwieli, it-tpartit tal-uċuħ tar-raba' mal-barranin, ix-xiri, it-tnixxif u t-tħin tal-qamħ. Din l-industrija wasslet għall-bini ta' għadd ta' fran, hekk li, sa mis-seklu sbatax, dan ir-raħal sar magħruf bħala *Casal Fornaro*. Din is-sengħa baqgħet tiżdied u, mal-miġja tal-Kavallieri f'Malta fl-1530, dan ir-raħal kompla jikber.

Dan kollu jwassalna nifhmu għaliex meta, fl-1436, l-Isqof Senatore de Mello għaraf l-eżistenza tal-ewwel għaxar parroċċi ta' Malta, Ħal Qormi kien wieħed mill-ewlenin.[2] Fir-*Rollo* tal-Isqof de Mello hemm indikat li Don Marcus de Torrante kien il-kappillan tal-parroċċa u li kellu 12-il uqija flus fis-sena, somma kbira għal dak iż-żmien. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' data preċiża tat-twaqqif ta' din il-parroċċa, dan huwa l-ewwel kappillan ċert li nafu bih.

Mal-mixja tas-snin, Ħal Qormi tant kiber li minnu ħarġu numru ta' parroċċi u għalhekk din il-parroċċa llum hija mogħnija bit-titlu ta' Arċimatriċi.[3] Dan kollu juri biċ-ċar li għal tul ta' ftit inqas minn sitt sekli, din il-parroċċa kienet immexxija minn ragħajja ħabrieka li, l-ewwel u qabel kollox, fittxew li jkattru u jsostnu l-ġid spiritwali ta' dawk fdati taħt il-ħarsien tagħhom.

### Iben Belt Pinto

Fid-29 ta' April tas-sena 1900, allura fl-ewwel sena tas-seklu għoxrin, żewġ żgħażagħ Qriema wiegħdu, quddiem Alla, imħabba għal dejjem lil xulxin. Dakinhar huma taw bidu għal familja ġdida fi ħdan il-Knisja. Kienet familja li, propju tul dak is-seklu, kellha ġġarrbet bosta ferħat u weġgħat. Dawn iż-żewġ żgħażagħ, Karmenu Frendo, iben Ġużeppi Frendo u Lorenza mwielda Cassar, u Karmena Azzopardi, bint Karmenu u Elena mwelda Farrugia, mimlijin entużjażmu u mħaddnin minn imħabbet qrabathom, lissnu l-kelmiet ta' wiegħda matrimonjali fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, quddiem Dun Manwel Pace, Kappillan tar-raħal.



*Karmena Frendo, omm Dun Gerard.*

Xhieda ta' dan il-kunsens kien hemm Antonju Attard u Franġisk Muscat.[4]



*Karmenu Frendo, missier Dun Gerard.*

F'din il-familja, tnisslu għaxar ulied.[5] It-tieni l-iżgħar fosthom, Gerard, twieled nhar it-18 ta' Jannar 1916 fid-dar numru 16, Triq San Bartilmew, Ħal Qormi. Jumejn wara, fl-20 ta' Jannar, ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fejn tgħammed mill-Kappillan Dun Manwel Pace.[6]

Appena għaddew sentejn u nofs minn twelidu, iċ-ċkejken Gerard, safa orfni minn ommu. Fil-fatt, ommu Karmena mietet ta' 38 sena fit-28 ta' Awwissu 1918 fid-dar numru 16, Triq San Bartilmew, Ħal Qormi, xahar u għaxart ijiem wara li welldet l-aħħar wild tagħha.[7]

Hekk kif, bla mistenni, missieru sab lilu nnifsu armel b'tant ulied jiddependu minnu, iddeċieda li jingħaqad fit-tieni żwieġ. Dan it-tieni kunsens ta' żwieġ għal Karmenu seħħ fit-8 ta' Settembru 1925 meta hu wiegħed imħabbtu lil Marija Konċetta Azzopardi, oħt dik li, sa seba' snin qabel, kienet il-mara tiegħu. Filwaqt li dan iż-żwieġ ġie amministrat fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ minn Dun Ġwann Battista Porsella Flores, ix-xhieda tal-kunsens kienu Ġorġ Fava u Ġwanni Gatt.[8]

Fortunatament, fiz-zija Ċettina, Gerard u ħutu, sabu t-tieni omm li għarfet tkompli tagħtihom trobbija tajba li kienet kumplimentata minn missierhom, bniedem magħruf sew għax-xogħol li dejjem wettaq kemm bħala sid ta' ħanut tax-xorb fi Triq San Bartilmew u fin-negozju tal-inbid, kif ukoll bħala fratell u rettur fi ħdan il-Fratellanza tar-Rużarju.

Gerard irċieva l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Gvern f'Ħal Qormi stess.[9] F'Ottubru tal-1929 daħal is-Seminarju Minuri, il-Floriana, li wasslu għall-eżamijiet tal-matrikola fl-1934. Bħal ħafna tfal ta' żmienu, fid-dar kellu kappella żgħira b'artal u gandlieri żgħar. Kien ukoll abbati fil-kappella tas-Sorijiet Agostinjani qrib id-dar tal-familja. Bla dubju ta' xejn, dan kollu, imwieżen minn formazzjoni nisranija samma li rċieva mill-ambjent tal-familja, sawwar fih il-vokazzjoni għas-saċerdozju.



*It-tfajjel Gerard Frendo, fuq is-serkin biż-żiemel, flimkien ma' missieru quddiem id-dar fejn kienet toqgħod il-familja Frendo.*

## Isir qassis

Huwa u jitħejja ħalli jitla' l-ewwel tarġiet lejn l-artal, ġie approvat għat-tonsura u l-ewwel ordinazzjonijiet. F'dak iż-żmien, waqt li wieħed jersaq għar-rit tat-Tonsura Klerikali quddiem l-isqof, kienet tinqatagħlu troffa xagħar mill-isqof stess. Fit-30 ta' Lulju 1938,[10]

bit-tonsura, Gerard beda jiġi magħdud fost il-kjeriċi. Ir-rit sar fil-Palazz Veskovili tal-Imdina, minn idejn Mons. Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex. Imbagħad, l-għada, fil-31 ta' Lulju 1938, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, f'ordinazzjoni ġenerali mmexxija mill-istess isqof, il-kjeriku Gerard ġie mogħti l-ewwel żewġ ordinazzjonijiet minuri: l-Ostjarjat u l-Lettorat.[11]

Fil-Katidral tal-Imdina, nhar it-3 ta' Ġunju 1939, il-kjeriku Gerard irċieva l-Ordnijiet Minuri tal-Eżorċistat u l-Akkolitat minn idejn Mons. Isqof Mikiel Gonzi.[12] Mingħand l-istess isqof huwa rċieva l-ewwel fost l-Ordnijiet Maġġuri: is-Suddjakonat, nhar it-18 ta' Mejju 1940, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.[13]


NOBILE SACERDOTIUM
QUOD OLIM IN SACRO MONTE
SANGUINE TUO
PERENNITER CONSTITUISTI
AFFERAT
HOC MEI PRIMI SACRI DIE
TANTORUM VOLVENTE
SCELERUM UNDA
GEMENTIBUS SALUTEM
CAPTIVIS LIBERTATEM
ESURIENTIBUS ALIMENTUM
ECCLESIAE TUAE
INCOLUMITATEM ET PACEM

Sac. Gerardus Frendo,
Civitate Pinto, V Non. Oct., MCMXLI.

*Is-santa tal-Prima Messa ta' Dun Gerard.*

Fil-21 ta' Frar 1941, il-kappillan tar-raħal, Dun Anton Vella, kitiblu ittra ta' rakkomandazzjoni li, ikkonservata fl-Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, taqra: *"Certifico che il M. Revdo. Sudd. Geraldo Frendo nella mia parrocchia di S. Giorgio, gode buona fama presso il pubblico e esemplare nella frequenza dei S. Sacramenti ed assiduo nel suo servizio in Chiesa."* (Niddikjara li l-Wisq Reverendu Suddjaknu Gerard Frendo, fil-parroċċa tiegħi ta' San Ġorġ, igawdi fama tajba fost il-pubbliku u huwa ta' eżempju fl-attendenza għas-Sagramenti Mqaddsa u lieżem fis-servizz fil-Knisja)



*Dun Gerard Frendo, Kappillan tal-Gudja.*

Fid-29 ta' Marzu 1941, is-Suddjaknu Frendo ġie ordnat Djaknu fil-Katidral Metropolitan tal-Imdina minn Mons. Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex.[14]

Wara li temm l-istudji tiegħu tal-Filosofija u Teoloġija, u anke ġiet fi tmiemha il-formazzjoni tiegħu fis-Seminjaru Maġġuri,[15] fost il-ferħ ta' qrabatu u ħbiebu, id-Djaknu Dun Gerard ġie ordnat saċerdot nhar l-20 ta' Settembru 1941. Din l-ordinazzjoni, fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija, saret fil-Katidral tal-Assunta, Għawdex, minn Monsinjur Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex.[16] [17]

Billi l-familja Frendo kienet miktuba fil-Fratellanza tar-Rużarju, kien xieraq li Dun Gerard jiċċelebra l-ewwel Quddiesa Sollenni ta' Radd il-Ħajr tiegħu, fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ Martri, nhar il-5 ta' Ottubru 1941, l-ewwel Ħadd tax-xahar, il-jum li fih kienet ġiet iċċelebrata l-festa tal-Madonna tar-Rużarju f'dik is-sena.[18]



*Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, waqt żjara fil-każin tal-Banda San Ġorġ M., Ħal Qormi. Mix-xellug jidhru: Dun (aktar tard Mons. Isqof) Annetto Depasquale, l-Arċipriet Gerard Frendo, Mons. Arċisqof Gonzi, Ġorġ Zammit, President tal-Banda, u Mons. Edward Coleiro.*

F'dak iż-żmien, Ħal Qormi kien mimli sew b'għadd kbir ta' nies refuġjati tal-gwerra, l-aktar mill-Kottonera li sabu kenn fost il-familji Qriema. B'hekk, Dun Gerard wettaq l-ewwel ħidma pastorali tiegħu fost il-Qriema u dawn in-nies, fejn għaraf jagħti dik l-għajnuna u faraġ spiritwali li tinstab biss għand konfessur li tista' tiftaħ qalbek miegħu. Kien ukoll Assistent Ekkleżjastiku taċ-Ċirkolu tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika, f'Ħal Qormi stess.

Appena għaddew tliet snin mill-ordinazzjoni saċerdotali, fit-3 ta' Ottubru 1944, Dun Gerard ġarrab it-telfa ta' missieru li miet f'nru. 344, Triq il-Kbira, Ħal Qormi, fl-eta ta' 66 sena.[19]

Bejn l-1946 u l-1951 ħadem ħafna fl-uffiċċju tal-Opri Missjunarji Pontifiċji u mill-1947 'l quddiem ħabrek ħafna biex ixerred kelma tajba u ta' ġid permezz tal-Missjoni ż-Żgħira. Barra minn hekk huwa kien ukoll saċerdot imfittex ħafna għall-predikazzjoni u għall-Eżerċizzi tar-Randan.

**Isir Kappillan tal-Gudja**

Fl-1952, Dun Anton Rapa, li kien kappillan tal-Gudja sa mill-1942, ġie msejjaħ biex jaqdi d-doveri tiegħu bħala kappillan fil-parroċċa ta' Ħal Tarxien. Kif kienet l-użanza f'dawk iż-żminijiet, l-awtoritajiet Ekkleżjastiċi għamlu sejħa għall-konkors ta' kappillan ġdid għall-parroċċa tal-Gudja. Fil-fatt, fil-ġurnal *Leħen is-Sewwa* tat-2 ta' April 1952, kien deher avviż li jgħid li dawk li kienu interessati biex jilħqu kappillan ta' dan ir-raħal kellhom jippreżentaw id-dokumenti meħtieġa fil-Kurja Arċiveskovili sas-7 t'April. Kien avżat ukoll li l-eżami għall-imsemmija kariga kien ser isir fid-9 t'April.[20]

Minn fost dawn li kienu għamlu dan l-eżami kien ġie magħżul Dun Gerard Frendo u fis-6 ta' Mejju 1952 ġie maħtur kappillan ġdid tal-Gudja.[21] Iċ-ċerimonja tal-pussess saret il-Ħadd filgħodu, 8 ta' Ġunju 1952 u tmexxiet minn Mons. Emmanuel Galea, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali. Biex jaqdu r-rwol ta' xhieda fil-pussess, Dun Gerard kien għażel lil Dun Ġużepp Zammit (aktar tard kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta) u lil Dun Ġann Marie Scicluna, it-tnejn mill-Gudja.[22]



*Nhar id-29 ta' Settembru 1966, l-Arċipriet Frendo fakkar il-Ġublew tal-Fidda Saċerdotali tiegħu permezz ta' konċelebrazzjoni fil-knisja ta' San Ġorġ, Ħal Qormi.*



*L-Arċipriet Frendo jagħti l-bewsa tal-paċi lil Dun Vinċenz Deguara f'jum il-pussess tiegħu bħala Kappillan ġdid tal-Parroċċa ta' San Sebastjan, Ħal Qormi.*

Tul il-parrokkat qasir tiegħu fil-parroċċa tal-Gudja, il-kappillan Frendo ħadem biex is-Sorijiet tal-Karità jwaqqfu skola kif ukoll kunvent fir-raħal. Fi żmienu tlesta l-pavimnet tal-irħam tal-knisja, kif ukoll ġie mibdi x-xogħol tas-sala parrokkjali.[23]

**Jinħatar Arċipriet ta' Ħal Qormi**

Is-saċerdot Rabti, Dun Anton Vella, jista' jitqies bħala l-aħħar kappillan u l-ewwel arċipriet tal-parroċċa ta' San Ġorġ, f'Ħal Qormi. Fil-fatt, wara li ġie mogħti l-pussess tal-parroċċa fit-18 ta' Novembru 1934, ressaq supplika formali biex il-parroċċa Ġorġjana tiġi mgħollija għad-dinjità ta' Arċipretali. Din ix-xewqa tiegħu u tal-Qriemi, intemmet fit-30 ta' Marzu 1953. Fl-1955, l-Arċipriet Vella ġie maħtur kanonku tal-Katidral Metopolitan, u b'hekk, l-arċipretura Qormija sfat vakanti.[24]

Wara li l-awtoritajiet Ekkleżjastiċi għamlu sejħa għall-konkors ta' arċipriet ġdid għall-parroċċa Ġorġjana u sar l-eżami għall-imsemmija kariga,[25] il-Ħadd, 27 ta' Novembru 1955 Dun Gerard ġie mogħti l-pussess, mill-Isqof Emanuel Galea, bħala arċipriet ġdid tal-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi.[26] Biex jaqdu r-rwol ta' xhieda fil-pussess, Dun Gerard kien għażel lil Dun Ġużepp Azzopardi, viċi-parroku, u lil Dun Vinċenz Borg, li kien bena l-Oratorju Sagra Familja.[27]

Diffiċli wieħed ikejjel u jiżen il-ħidma pastorali li jwettaq kap ta' parroċċa. Dan għaliex ħafna xogħol ta' fejda, parikolarment tqassim ta' għotjiet ta' karità, jibqa' mistur u jkun magħruf minn Alla biss. Fix-xogħol pastorali hemm il-kunfidenzjalità tal-ħidma u l-fiduċja li juru l-parruċċani. Għaldaqstant, ħafna minn dak li jsir jibqa' moħbi.



*Dun Karm Frendo, neputi ta' Dun Gerard.*

B'entużjażmu ta' kappillan żagħżugħ, beda x-xogħol biex jinħoloq *status animarum*, jiġifieri statistika tal-qagħda spiritwali ta' kull persuna fil-parroċċa tiegħu. Wara li organizza t-tagħlim tad-duttrina f'taqsimiet, hu stess kien spiss jagħmel żjarat f'dawn iċ-ċentri. Bit-tħabrik tiegħu ngħata bidu għaż-Żgħażagħ Ħaddiema Insara tax-xebbiet, u l-Azzjoni Kattolika tal-irġiel u tal-ġuvintur. F'qalb il-parruċċani, xettel devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija permezz ta' espożizzjoni fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar u quddiesa bil-fervorin kull l-ewwel Sibt tax-xahar. Kien hu wkoll li ta bidu



*Il-bidu ta' korteo funebri li beda minn quddiem il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u wassal saċ-ċimiterju ta' Ħal Qormi.*

għall-Vjatku tal-morda kollha kull xahar. Fi żminijiet speċjali tas-sena, fosthom fil-Ġimgħa Mqadddsa u f'San Ġorġ, kien iġib saċerdoti Għawdxin biex il-parruċċani jinqdew bla diffikultà fit-twettieq tad-dmirijiet spiritwali tagħhom.

Iżda, imsieħba ma' xogħol pastorali u ta' appostolat, hemm ħidma oħra li tidher. Fi żmien il-parrokat tal-Arċipriet Frendo, fost ħwejjeġ oħra, sar it-tabernaklu tad-deheb u l-fidda u l-ġawhar, id-dijadema tad-deheb għall-istatwa titulari ta' San Ġorġ u l-induratura tal-pedestall tal-istess statwa, pedestal tal-fidda għar-relikwija ta' San Ġorġ flimkien ma' sett ta' sitt gandlieri tal-fidda li jintużaw mar-relikwija waqt it-translazzjoni ta' lejlet il-festa, settijiet ta' kapep u tuniċelli għall-jiem tal-festa titulari, restawr tal-pittura ta' Ġużeppi Calì fl-abside tal-kor, iż-żebgħa u l-induratura tas-saqaf kollu tal-knisja parrokkjali, tibdil tas-sistema elettrika kollha tal-knisja, tibdil strutturali fil-parti ta' wara tal-knisja fejn żdiedu xi mħażen għall-irfigħ tal-armar tal-knisja, awla presbiterali u mużew żgħir għall-antikitajiet, u nbena ċimiterju ġdid u kbir flok dak tal-Infetti.

Flimkien ma' dan kollu, l-Arċipriet Frendo ta spinta lill-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa inklużi vari ġodda u tkabbir tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-kbira. Fl-1961, inġiebet minn Bari, l-Italja, il-vara tal-Aħħar Ċena. Kienet vara ġdida li ġibdet eluf kbar ta' nies għaliex ħafna ħasbu li vara ta' dak il-kobor ma kienx possibbli li tintrefa'. Flimkien maċ-Ċena, inġiebet vara oħra wkoll minn Bari, dik ta' Ġesu jiltaqa' ma' Ommu Marija.

Fl-1962 sar żvilupp f'żewġ vari oħra: Il-Marbut u l-*Ecce Homo* nbidlu f'żewġ gruppi ta' tliet statwi kull waħda. Żviluppi oħra seħħew fl-1965 meta f'Ħal Qormi waslet il-vara tad-Depożizzjoni, li turi lil Ġesù f'ħoġor Ommu Marija li hija akkumpanjata minn Marija Maddalena u San Ġwann, filwaqt li taħt is-salib hemm Nikodemu u Ġużeppi minn Arimatea. Fl-istess sena 1965, waslet rappreżentazzjoni ġdida tal-Veronika, din id-darba bi tliet statwi.[28]

Ħal Qormi hu magħruf bħala wieħed mill-pijunieri tal-introduzzjoni tal-gruppi bibliċi fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-gżejjer Maltin.[29] Biżżejjed li wieħed jgħid li sa mill-1961, ħafna nies kienu jmorru għall-purċissjoni ta' Ħal Qormi, mhux biss għax kellhom vara iżjed iżda wkoll minħabba l-kostumi bibliċi u s-suldati Rumani li wieħed seta' jara. L-akbar żidiet seħħew fis-snin ħamsin tas-seklu li għadda b'numru ta' *tableaux vivants* mit-Testment il-Ġdid u fuq l-istil tal-istorja tal-passjoni kif ippreżentata f'Oberammergau fil-Bavarja, il-Ġermanja. Dawn kienu saru fuq inizjattiva tal-Arċipriet Frendo li ta lil din il-purċissjoni xejra ta' *pageant*.[30] Biex kollox jimxi bl-aħjar mod possibbli, kien ukoll waqqaf Ġunta tal-Ġimgħa l-Kbira magħmula minn lajċi u qassisin li damet imwaqqfa ħames snin.[31]

## Neputi jsir qassis u jmut bikri

Meta Dun Gerard kien qed iħejji biex jiċċelebra l-ewwel anniversarju tal-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, f'numru 82, Misraħ San Franġisk, Ħal Qormi, nhar l-10 ta' Settembru 1942, twieled Karmenu, l-ewwel wild ta' Ġorġ Frendo u Tonina mwieleda Cassar. Kif kien xieraq, kien z-ziju Dun Gerard, hu missieru, li għammdu fit-13 ta' Settembru fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Dun Gerard ukoll kien il-parrinu tiegħu meta rċieva l-Griżma tal-Isqof minn Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, nhar l-14 ta' Jannar, 1951.

Ġie ordnat saċerdot 22 ta' Marzu, 1969 u fis-27 ta' Lulju 1969, iċċelebra l-Ewwel Quddiesa sollenni tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi. Waqt din il-quddiesa, Dun Gerard Frendo qeda r-rwol ta' *Presbyter Assistens*.

Dun Karm wettaq l-ewwel ħidma pastorali, bejn l-1969 u l-1974, bħala viċi-parroku tal-Parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni, il-Ħamrun. Fit-13 ta' Mejju, 1974, ġie maħtur kappillan tal-Parroċċa ta' Santa Marija ta' Ħad-Dingli.

Fid-29 ta' Ottubru 1978 ġie mogħti l-pussess bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' San Pietru fil-Ktajjen, Birżebbuġa.

Dun Karm miet bla mistenni fil-għodwa tat-13 ta' Ġunju, 1980, fid-Dar Parrokkjali, Birżebbuġa. Il-funeral tiegħu, iċċelebrat minn Monsinjur Carmelo Xuereb, Vigarju Ġenerali, u diversi qassisin oħra, sar l-għada fil-knisja parrokkjali ta' Birżebbuġa.[32]

## Monsinjur tal-Katidral

Il-parrokat twil tal-Arċipriet Frendo ġie fi tmiemu mal-bidu tas-sena 1978 meta ġie nominat kanonku tal-Katidral, koadjutur ta' Mons. Carmelo Farrugia.

*"Għal aktar minn 22 sena ħdimt, tlabt, bkejt u fraħt dejjem magħkom. Berikt iż-Żwieġ tal-kotra kbira tagħkom. Għammidt lil uliedkom u bil-Bewsa tal-Mulej, taħt l-ombra ta' Kristu Feddej, niżżilt jistrieħu għal dejjem lill-għeżież tagħkom ... Inħoss obbligazzjoni kbira għall-koperazzjoni u l-għajnuna li dejjem tajtuni bit-tweġiba għas-sejħat li ta' spiss kont nagħmlilkom ... Stajt forsi għamilt aktar; ta' dan nitlob maħfra kif naħfer ukoll lil min forsi xi darba ma weġibx kif kien imissu."* Hekk kiteb l-Arċipriet Frendo f'messaġġ u stedina lill-parruċċani tiegħu f'din iċ-ċirkustanza ta' għeluq il-parrokat u l-ħatra tiegħu bħala monsinjur.

Nhar it-22 ta' Jannar 1978, fil-Katidral tal-Imdina, huwa ħa l-ġurament quddiem Mons. Artur Bonnici, Vigarju Ġenerali, u quddiem ix-xhieda Dun Anton Cefai u Dun Salv Sammut.[33] Mal-mewt ta' Mons. Farrugia, fis-17 ta' Jannar 1979, Mons. Frendo sar kanonku effettiv fi ħdan il-Kapitlu Metropolitan ta' Malta.

F'dan il-perjodu, minbarra li kien jaqdi d-dimirijiet tiegħu fil-Katidral tal-Imdina, huwa baqa' jqaddes u jqarar fil-parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi. Min kien jafu mill-qrib, għaraf fih saċerdot li ma ttraskura qatt id-dmirijiet tiegħu ta' nisrani u ta' persuna kkonsagrata lil Alla. Mons. Frendo kien, fil-fatt, assidwu fit-talb tal-brevjar u fil-meditazzjoni kuljum, fit-

talba tar-ružarju diversi drabi kuljum u fil-qrar kull ġimgħa.

Kien mat-tbexbix ta' lejlet il-Milied tal-1994 li Monsinjur Gerard Frendo ġie msejjaħ biex jissieħeb mal-Ħallieq fil-Liturġija tas-Sema biex hemm isib il-ħlas tal-ħidma twila li wettaq tul 53 sena ta' saċerdozju, jikseb il-konfort u jingħata l-mistrieħ ta' dejjem. Il-funeral tiegħu sar fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, fis-26 ta' Diċembru 1994, fit-8.30 a.m.,[34] u tmexxa mill-kuġin tiegħu, Mons. Lawrenz Spiteri. Fi tmiem il-quddiesa, Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, qal l-aħħar talbiet, filwaqt li bierek u inċensa l-katavru.[35]

Fi tmiem il-quddiesa tal-funeral, sar korteo, bis-sehem tal-Banda San Ġorġ Martri u tal-Banda Anici, mill-knisja parrokkjali saċ-Ċimiterju Kristu Rxoxt tal-parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, fejn Mons. Frendo ġie midfun fil-qabar tal-familja numru 1, sezzjoni A.

Kif kien xieraq, fl-1 ta' Frar 2005, it-triq li tinsab bejn Triq il-Kbira u Triq il-Wied ġiet imsemmija 'Triq Mons. Ġelard Frendo' biex tibqa' tifkira ġusta u dejjiema ta' dan l-Arċipriet, iben denn ta' *Civitas Pinto*.[36]

(Endnotes)

1 Ħal Qormi kellu medda mifruxa ħafna ta' art li kienet tibda mill-inħawi ta' Wied is-Sewda (Tal-Ħlas) sal-ponta ta' taħt il-Forti Sant'Iermu u minn taħt Ħal-Farruġ (Wied il-Kbir) sat-triq li twassal sal-Imrieħel.

2 Id-disa' l-oħra kienu: In-Naxxar, Birkirkara, Bir Miftuħ (illum il-Gudja), Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi, iż-Żejtun, iż-Żurrieq, Ħal-Tartani (illum Ħad-Dingli) u l-Mellieħa. (*Newsletter, Digital Archives Website*, Archdiocese of Malta, Issue 5, June 2014, p. 1)

3 Minn din il-parroċċa ħarġu dik tal-Porto Salvo u San Duminku (1571) u San Pawl Nawfragu (1571) fil-Belt Valletta (minn din tal-aħħar ħarġet il-parroċċa ta' Santu Wistin [1968] fil-Belt Valletta wkoll), dik ta' San Publju (1844) fil-Floriana, dik ta' San Gejtanu (1881) fil-Ħamrun (li minnha ħarġet dik tal-Immakulata Kunċizzjoni [1968] fil-Ħamrun ukoll), dik tas-Santissima Trinità (1913) fil-Marsa (li minnha ħarġet dik ta' Marija Reġina [1967] fil-Marsa wkoll) u dik ta' San Sebastjan Martri (1936) f'Ħal Qormi. (*Ibid.*, p. 5)

4 Parroċċa San Ġorġ, Ħal Qormi, *Liber Matrimoniarum*, Vol. E, p. 362.

5 Parroċċa San Ġorġ, Ħal Qormi, taħt id-data tal-magħmudija, dawn kienu: Marija Dolores (t. 10 ta' Frar 1901), Ġużeppi (t. 3 ta' Frar 1902), Ġorġ (t. 20 ta' Jannar 1903), Antonju (t. 22 ta' Frar 1904), Lwiġi (t. 19 ta' Awwissu 1906), Rozaria (t. 7 ta' Ottubru 1907), Lawrenz (t. 29 ta' Settembru 1910), Agata (t. 22 ta' Awwissu 1913), Gerard u Karmenu (t. 18 ta' Lulju 1918).

6 Filwaqt li fil-fonti, flimkien mal-isem Gerard, ġie msemmi wkoll Karmenu u Anġlu, il-parrini f'dan l-ewwel sagrament kienu Ġużeppi Coleiro u martu Rosa. (Parroċċa San Ġorġ, Ħal Qormi, *Liber Baptizzatorum*, Vol. K, p. 535)

7 Parroċċa San Ġorġ, Ħal Qormi, *Liber Defunctorum*, Vol. I, p. 409. Ġiet midfuna l-għada ta' mewtha fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addoloarata fil-qabar numru 11 li jinsab f'Diviżjoni Lvant, Sezzjoni V, Kompartiment B. (Arkivju Ċimiterju Santa Marija Addolorata)

8 Parroċċa San Ġorġ, Ħal Qormi, *Liber Matrimoniarum*, Vol. E, p. 254.

9 F'dik il-ħabta, l-iskola kienet tinsab faċċata ta' fejn illum hemm il-knisja ta' Santa Katerina.

10 Arkivju Kurja Arċiveskovili, Malta, *Catalogus Ordinationum in Hac Diocesi Ecclesiam Meliten. Regente Exc. Mo. Ac. Rev.ma Domino Mauro Caruana O.S.B.* (1915-1943), p. 124.

11 *Ibid.*, p. 125.

12 *Ibid.*, p. 127.

13 *Ibid.*, p. 135-136.

14 *Ibid.*, p. 140.

15 Il-kors ta' studju, formazzjoni u talb fis-Seminarju kien jieħu seba' snin li jinqasmu fi tnejn. Fl-ewwel tliet snin, flimkien mal-Filosofija, kien jitkompla l-istudju tal-lingwi (Ingliż, Taljan, Latin u Malti flimkien mal-Grieg u l-Ebrajk). Fl-erba' snin tat-Teoloġija, mal-Morali u d-Dommatika, kien isir ukoll l-istudju tal-Iskrittura u tad-Drittu Kanoniku. Fl-ewwel sena tal-Filosofija s-seminaristi kienu jieħdu s-suttana. Fuq is-suttana kienet tintlibes faxxa ħamra mdawwra mal-qadd, b'pellegrina sewda bi tberfila lewn il-porpra fuq l-ispalla u fir-ras kien jintlibes kappell iswed. Qabel jibdew it-Teoloġija kienu jieħdu t-tonsura u jsiru kjeriċi. Wara l-ewwel sena tat-Teoloġija kienu jingħataw l-Ordnijiet Minuri tal-Ostjarjat u tal-Lettorat u wara t-tieni sena l-Ordnijiet Minuri tal-Eżorċistat u l-Akkolitat. Wara t-tielet sena kienu jieħdu s-Suddjakonat u jibdew iservu fil-quddies kantat bħala suddjakni, lebsin tuniċella pariġġ dik tad-djaknu. Il-post tagħhom kien ikun ħdejn iċ-ċelebrant fuq in-naħa l-oħra tad-Djaknu.

16 Arkivju Kurja Episkopali, Għawdex, *Libro delle Sacre Ordinazioni 1906-1985, Vol. 2* (mhux paġnat). F'dik l-ordinazzjoni kienu b'kollox erba' djakni li saru saċerdoti. It-tlieta l-oħra kienu: Dun Ġużepp Aquilina mis-Siġġiewi, Dun Bartilmew Borg mill-Għargħur u Dun Salv Camilleri minn Ħaż-Żabbar. (Calleja. J., *Ordinazzjonijiet Saċerdotali [1800 – 2000]*, Malta 2001, p. 52 )

17 Hawn forsi jidher stramb il-fatt li saċerdot, għalkemm inkardinat fid-Djoċesi ta' Malta, ġie ordnat fi djoċesi oħra u mill-isqof ta' dik id-djoċesi. Tajjeb għalhekk jingħad li fis-snin 1941-1943, kemm-il darba ġara li ordinazzjonijiet ta' kjeriċi Maltin saru fil-Katidral t'Għawdex mill-Isqof Mikiel Gonzi, dak iż-żmien Isqof t'Għawdex, u minn Ottubru 1943 koadjutur tal-Arċisqof Caruana. Hu fatt magħruf li saħħet Mons. Caruana kienet marret lura ħafna, u ma kienx jista' jmexxi funzjonijiet twal, bħalma huma l-Ordinazzjonijiet. Hija wkoll realtà magħrufa li Mons. Gonzi kellu moħħu Malta għax kellu xewqa kbira li

jsir isqof hemm. Kien hu wkoll li ħa ħsieb il-Konċilju Reġjonali li seħħ f'Malta fl-1935.

18 Tagħrif miġjub mis-santa tal-*Prima Messa*. Mons. Frendo nnifsu kien jirrakkonta li missieru ma xtaqtx li ibnu, saċerdot novell, jitwassal fir-raħal riekeb fuq bagħal. Għalhekk, fi triqithom mill-Marfa lejn Ħal Qormi, meta waslu ħdejn il-knisja ta' San Pawl, fil-wied ta' Birkirkara, missieru kera karrozzin li wassalhom sad-dar.

19 Parroċċa San Ġorġ, Ħal Qormi, *Liber Defunctorum*, Vol. L, p. 314. Wara li, l-għada ta' mewtu, sarlu funeral fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata fil-qabar numru 11 li jinsab f' Diviżjoni Lvant, Sezzjoni V, Kompartiment B. (Arkivju Ċimiterju Santa Marija Addolorata)

20 *Leħen is-Sewwa*, 2 ta' April 1952, p. 5.

21 *Leħen is-Sewwa,* 10 ta' Mejju 1952, p. 5.

22 Fil-pussess kienet ħadet sehem il-Banda *La Stella* tal-Gudja li, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Angelo Pace, akkumpanjat bid-daqq ta' marċi ferrieħa lill-kappillan il-ġdid mill-pjazza prinċipali tar-raħal sar-residenza tiegħu. (*Times of Malta*, 7 ta' Ġunju 1952, p. 7)

23 Gravina, M., "Il-Kappillani u l-Arċiprieti tal-Parroċċa tal-Gudja fl-Aħħar Mitt Sena," f'Portelli, B. (ed.), *Omm ta' Bosta Wlied 2*, 2018, p. 107-109.

24 Magħruf fost il-Qriema għall-qalb ħanina u karitattiva li kellu, Mons. Anton Vella miet fil-15 ta' Jannar 1960.

25 Sal-1955, meta kienet tivvaka sedja ta' arcipriet jew kappillan, kien jinħareġ invit, għal dawk il-qassisin li xtaqu jikkonkorru, biex jagħtu isimhom lill-Kanċellerija jew lis-Segretarju tal-Kurja. Dawn kienu jiġu eżaminati wieħed wieħed u kien f'idejn l-Arċisqof biex jiddeċiedi min minnhom jintgħażel. Fil-każ li ma kien jikkonkorri ħadd, l-għażla kienet f'idejn l-Arċisqof. (Ħajr lil Mons. Philip Calleja għal dan it-tagħrif)

26 Għalkemm seta' kien hemm oħrajn, jista' jingħad fiċ-ċert li Dun Gerard kien ir-raba' Qormi li sar ragħaj spiritwali f'raħal twelidu. It-tlieta l-oħra kienu Dun Ġwann Muscat (1680-1695), Dun Pietru Pawl Psaila (1815-1821) u Dun Manwel Pace (1888-1917). Is-suċċessur ta' Frendo kien Dun Pawl Attard (1978-1981) li kien ukoll imwieled Ħal Qormi.

27 Permezz ta' avviż, tħabbar li għalkemm ma kinux inħarġu inviti, kulħadd kien mistieden kemm għall-funzjoni tal-pussess kif ukoll għall-*At Home* fis-27, 28, 29 u 30 tax-xahar mill-4.30 pm 'l quddiem. (*Leħen is-Sewwa*, 26 ta' Novembru 1955, p. 4) Il-Banda *San Ġorġ M.* ta' Ħal Qormi, ħadet ukoll sehem u, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Anton Muscat Azzopardi, ferrħet lil dawk preżenti bid-daqq ta' marċi ferrieħa.

28 Dawn il-vari kollha kienu xogħol ta' Salvatore Bruno minn Bari. Sfortunatament, maż-żmien, ix-xogħol ta' Bruno beda jitmermer u nħass il-bżonn ta' tibdil fil-vari li għamel. B'xorti tajba, dan id-destin ma messx liċ-Ċena filwaqt li dik tad-Depożizzjoni sarilha restawr estensiv. L-oħrajn ġew mibdula.

29 Jingħad li l-ewwel wieħed li ħareġ b'dan il-ħsieb ta' persunaġġi bibliċi kien il-Baruni de Piro Gourgion li kien inkarigat mill-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tar-Rabat, Malta. Fil-fatt, il-persunaġġi ta' Ġużeppi minn Arimatea u Nikodemu f'din il-purċissjoni jmorru lura għal madwar is-sena 1900. (Grima, J. F., "F'Ħal Qormi," f'*Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, 1992, p. 119)

30 Dwar l-għożża li kellu l-Arċipriet Frendo lejn il-Ġimgħa l-Kbira, tajjeb wieħed jara wkoll il-poeżija 'Il-Festa ta' Dun Ġerald' f'Saliba J., *Citta Pinto u Niesha*, Malta, 2018.

31 Fl-1979 kien twaqqaf Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira li kompla jaħdem fuq l-istess linji u ħa ħsieb ukoll ir-restawr u l-bdil tal-vari kif diġà ngħad. (Bonnici, B., *Il-Ġimgħa l-Kbira f'Malta*, Malta, 1998, p. 125)

32 Fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, sar ir-rit funebri fejn il-katavru tbierek qabel ma ttieħed fuq l-ispallejn għad-difna fiċ-Ċimiterju Kristu Rxoxt tal-parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi fil-qabar numru 6, sezzjoni A. Aktar tard, il-fdalijiet tiegħu ġew trasportati għall-qabar numru 2, sezzjoni A. (Għal aktar tagħrif dwar Dun Karm Frendo ara: Balzia, M. "Dun Karm Frendo: Fl-okkażjoni tal-25 sena mill-mewt tiegħu," f'*Birżebbuga: Leħen il-Parroċċa San Pietru fil-Ktajjen*, Festa 2005 u Bianchi, G., "Fl-okkażjoni tal-25 sena mill-mewt ta' Dun Karm Frendo," f'*Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri*, Festa 2005)

33 Arkivju Kurja Arċiveskovili, Malta, *Canonici Cattidrali 1963-1987*, Vol. 19, no. 41.

34 Social and Personal: Obituary, *The Sunday Times*, 25 ta' Diċembru 1994, p. 55.

35 Parroċċa San Ġorġ, Ħal Qormi, *Liber Defunctorum*, Vol. A2, p. 206.

36 *Gazzetta tal-Gvern*, 1 ta' Frar 2005, p. 837.

***Fil-qalbna ta' qlubna hemm għanja,***
***moħbija ġo fina l-Qormin:***
***Hu sebħek San Ġorġ li jhennina,***
***Hu ġmielek, li jżommna msaħħrin***